MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 501/2004

**Mira Motor Sales Limited u Mira Holdings Limited**

**vs**

**Peter Agius**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjetajiet attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef, hames mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmien cemtezmi (Lm4,521.08), rapprezentanti prezz bilancjali tal-vettura Opel Astra bin-numru ta’ registrazzjoni PET 222 flimkien ma’ l-imghaxijiet relattivi in segwitu ta’ kuntratt ta’ *hire-purchase* datat ghaxra (10) ta’ Settembru, 2002 anness u mmarkat bhala Dokument “A”.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-21 ta’ Mejju, 2004 kontra konvenut.

Rat illi l-konvenut baqa' kontumaci.

Semghet ix-xhieda ta' Carmelo Borg in rapprezentanza tas-socjeta' attrici.

Fil-kontumacja tal-konvenut u billi l-Qorti hija sodisfatta li s-socjeta' attrici ghandha ragun fit-talba taghha.

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------